# L-EWWEL SENA TA' ĦIDMA 2014-2015




MIRIAM**DALLI**

*Membru Parlamentari Ewropew*



S&D Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament

Partit Laburista





## AMBJENT U ENERĠIJA

L-enerġija u t-tibdil fil-klima huma marbutin ma' xulxin u kwalunkwe deċiżjoni fuq livell Ewropew ikollha effett dirett fuq Malta. Għalhekk li Miriam hija attiva ħafna f'dan il-qasam. Fil-qasam tal-enerġija qiegħda taħdem fil-grupp S&D biex tkun indirizzata l-problema ta' persuni li ma jifilħux iħallsu l-kontijiet tad-dawl u tal-gass. Intgħażlet biex tirrappreżenta lill-Parlament Ewropew fis-Summit dwar it-Tibdil fil-Klima f'Diċembru 2015 u involuta fid-diskussjonijiet dwar mekkaniżmi biex jonqsu l-emissjonijiet fil-pajjiżi Ewropej u t-tniġġiż fis-settur marittimu. Mexxiet in-negozjati f'isem il-Kumitat tal-Ambjent biex il-proġetti li jintgħażlu għall-Pjan Juncker ikunu ambjentalment sostenibbli. Insistiet ukoll li l-pajjiżi kollha, inkluż Malta, ikunu jistgħu jgawdu minn dan il-pjan.

S&D Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament

## LIBJA U IMMIGRAZZJONI

Miriam indirizzat numru ta' konferenzi internazzjonali li fihom wasslet ir-realtà Maltija u l-ħtieġa ta' soluzzjoni Ewropea għall-immigrazzjoni. Attiva ħafna f'isem il-grupp S&D u bħalissa qiegħda taħdem fuq rapport dwar l-operazzjoni Frontex u rapport dwar it-traffikar tan-nies. Wasslet il-gravità tas-sitwazzjoni li qed tiżviluppa fil-Mediterran u r-realtà f'Malta permezz ta' intervisti ma' BBC, CNBC, AlJazeera u EuroNews. Hija wkoll attiva ħafna dwar il-Libja b'kuntatti ma' rappreżentanti Libjani. Ħadet ukoll l-inizjattiva personali, b'kuntatt dirett ma' Bernardino Leon, biex l-immigrazzjoni tiddaħħal direttament fit-taħdidiet ta' paċi fil-Libja.



MIRIAM**DALLI**

*Membru Parlamentari Ewropew*





## IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U N-NEGOZJU

Flimkien ma' AEGEE-Valletta u l-Kamra tal-Kummerċ fasslet dokument politiku dwar iż-żgħażagħ u n-negozju. Laqqgħet flimkien imprendituri, negozjanti, żgħażagħ, akkademiċi u politiċi biex tħejja dokument għall-Ministeri responsabbli f'Malta u l-Kummissjoni Ewropea. Dan id-dokument jippreżenta numru ta' suġġerimenti li għandhom jgħinu lil dawk iż-żgħażagħ li jkunu mħajrin jiftħu negozju tagħhom.

## IT-TFAL U L-INTERNET

Wieħed mill-akbar uġigħ ta' ras għall-ġenituri huwa ma' xiex jistgħu jiltaqgħu uliedhom fuq l-internet. B'dan il-ħsieb f'moħħha Miriam bdiet taħdem fuq il-ħtieġa li l-internet ikun *safe* għat-tfal. Qiegħda taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali dwar dan is-suġġett u f'Malta ngħaqdet ma' Bay Radio fil-kampanja *#stophate*. Iffukat fuq sistemi ġodda li jintużaw minn dawk li jifirxu l-pornografija tat-tfal u qiegħda taħdem fuq rapport dwar l-abbuż tat-tfal fuq l-internet.

## XOGĦOL

Fix-xogħol li tagħmel Miriam dejjem tinsisti għal aktar impjiegi innovattivi. Għamlet dan fil-ħidma dwar il-Blue Economy li hi ta' interess partikolari għal Malta u qed taħdem bl-istess mod f'oqsma oħra. Ħadmet favur id-direttiva tal-Maternity Leave, li tassigura wkoll paternity leave għall-missirijiet.

# F'DIN L-EWWEL SENA

**Miriam Dalli** ntgħażlet biex tirrappreżenta lill-S&D fuq **8 rapporti** dwar:

1. Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi,
2. Miżuri kontra l-burokrazija permezz ta' sistemi diġitali,
3. L-Istrateġija Ewropea dwar is-sigurtà tal-Enerġija,
4. It-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-vetturi,
5. Il-ġlieda kontra l-abbuż u l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal,
6. Ir-rapport tal-Ombudsman Ewropew dwar il-FRONTEX,
7. Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni Ewropea;
8. Il-Blue Economy.

**99%**

**PARTEĊIPAZZJONI FIL-VOTI** U ATTENDIET GĦAL KULL SESSJONI PLENARJA

**81**

**LAQGĦA U ATTIVITAJIET F'MALTA** FLIMKIEN MA' UNIONS, KORPI KOSTITWITI, NGO'S, STUDENTI, MINISTRI U SEGRETARJI PARLAMENTARI

**75**

**MISTOQSIJA PARLAMENTARI** FOSTHOM DWAR IL-LIBJA, IS-SIGURTÀ ONLINE, L-IMMIGRAZZJONI IRREGOLARI, IT-TIBDIL FIL-KLIMA, L-IDENTITÀ TAL-ĠENERU, E-COMMERCE U L-IMPJIEGI FL-ICT

**12**

**-IL INTERVISTA** MA' MEDIA INTERNAZZJONALI

**83**

**LAQGĦA FI BRUSSELL** MA' GĦAQDIET INTERNAZZJONALI U UFFIĊJALI GĦOLJA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

**5**

**DIKJARAZZJONIJIET PARLAMENTARI** FOSTHOM DWAR L-AWTIŻMU U L-KANĊER TAS-SIDER

**310**

**DISKORS** U DIKJARAZZJONI TAL-VOT

**16**

**-IL KONFERENZA INTERNAZZJONALI INDIRIZZATA** DWAR FIRXA WIESGĦA TA' SUĠĠETTI... MILL-IMMIGRAZZJONI GĦAT-TIBDIL FIL-KLIMA, MIS-SAĦĦA MENTALI GĦAĊ-CHILD SAFETY ONLINE

S&D Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament



"Qabel l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew iddiskutejt magħkom il-ħidma li xtaqt niffoka fuqha u llum sena wara qed nerġa' niġi għandkom biex naġġornakom dwar il-ħidma li wettaqt s'issa. Fl-ewwel sena tiegħi bħala Membru Parlamentari Ewropew rajt li npoġġi l-interessi tal-Maltin u l-Għawdxin fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħi. Dan kien rifless fl-oqsma tal-Ambjent, l-Enerġija, l-Immigrazzjoni u s-sitwazzjoni kumplessa fil-Libja, fost l-oħrajn. Determinata li nibqa' nagħmel dan fis-snin li ġejjin."

**MIRIAM DALLI**

S&D Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament

## MIRIAM DALLI IS A MEMBER OF:

- Committee on the Environment, Public Health and Food Safety,
- Committee on Petitions,
- Delegation for relations with the Maghreb countries and the Arab Maghreb Union,
- Committee on Industry, Research and Energy,
- Committee for Civil Liberties, Justice and Home Affairs,
- Delegation to the EU-Armenia, EU-Azerbaijan and EU-Georgia Parliamentary Cooperation Committees.

## MIRIAM IS WORKING ON THE FOLLOWING REPORTS:

1. The European Fund for Strategic Investments,
2. Interoperability solutions for Europe public administrations, businesses and citizens,
3. EU Energy Security Strategy,
4. Reduction of pollutant emissions from Road Vehicles,
5. Combating the sexual abuse and sexual exploitation of children,
6. European Ombudsman Report on FRONTEX,
7. Fight Against Trafficking in Human Beings in the EU's External Relations,
8. Blue Economy.

In her first year in office Miriam participated in 99% of the votes, gave 310 speeches and explanation of votes, asked 75 parliamentary questions and was involved in more than 160 meetings with Maltese and Brussels based organizations and institutions. She was also a keynote speaker at 16 international conferences focusing on varying issues.

For an english version of this leaflet kindly log on: **www.miriamdalli.com**

**You can send your feedback on:**


T 00356 2146 3241
E miriam@miriamdalli.com
f www.facebook.com/drmiriamdalli
t www.twitter.com/miriamdalli



S&D Group of the Progressive Alliance of **Socialists & Democrats** in the European Parliament